

Brussell, 10 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8135/21

COAFR 104
RELEX 351
CFSP/PESC 411
CSDP/PSDC 230
ACP 29
DEVGEN 80
COHAFA 39
COHOM 79
MIGR 78
CLIMA 92
COVID-19 185

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Il-Qarn tal-Afrika: prijarità ġeostrateġika għall-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Mejju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika: prijarità ġeostrateġika għall-UE kif approvati fit-3792 laqgħa tal-Kunsill fl-10 ta' Mejju 2021.

Il-Qarn tal-Afrika: prijorità ġeostrateġika għall-UE

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Qarn tal-Afrika huwa reġjun strateġikament importanti, li miegħu l-Ewropa għandha rabtiet politiċi u ekonomiċi fit-tul. L-UE hija impenjata bis-sħiħ biex tapprofondixxi r-relazzjoni strateġika u s-sħubija tagħha mar-reġjun tal-Qarn tal-Afrika u l-pajjiżi tiegħu, bl-għan ikun li tappoġġa l-paċi u s-sigurtà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, l-azzjoni klimatika u l-kooperazzjoni reġjonali. Ir-rabtiet bejn il-persuni bejn l-UE u l-Qarn tal-Afrika huma b'saħħithom, inkluż permezz tad-dijaspori kbar u attivament involuti.
2. Il-Kunsill qed jistabbilixxi strateġija ġdida tal-UE, li tibni fuq il-Qafas Strateġiku tal-2011 għall-Qarn tal-Afrika¹, f'konformità mal-approċċ ġenerali tal-UE għall-Afrika², sabiex jingħata impetu ġdid lil din ir-relazzjoni, u biex jiġu sostnuti l-interessi politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi tal-UE. Din l-istrateġija għandha l-għan li ssaħħaħ is-sħubija tal-UE mal-pajjiżi tal-Qarn tal-Afrika u ttejjeb l-effettività u l-viżibbiltà tal-UE f'ambjent dejjem aktar kompetittiv. Hija tkopri t-tmien pajjiżi tal-Qarn³ kif ukoll l-organizzazzjonijiet reġjonali, fil-qafas tal-viċinat usa' inkluż il-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan tal-Punent.
3. Ir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika għadda minn żviluppi importanti matul l-aħħar għaxar snin u qed jara dejjem aktar dinamika reġjonali li qed tinbidel. Il-ftehimiet ta' paċi storiċi u l-wasla ta' tranżizzjonijiet demokratiċi offrew tamiet u opportunitajiet. Madankollu, il-konflitti – ta' spiss instigati mit-tensjonijiet etniċi – il-kompetizzjoni għall-poter u għar-riżorsi naturali, l-estremiżmu vjolenti, il-kompetizzjoni internazzjonalizzata għall-influwenza u storja ta' konflitt vjolenti qed iżidu l-instabbiltà u l-frammentazzjoni tal-Qarn tal-Afrika fi żmien meta l-kooperazzjoni multilaterali qed tonqos. Biex jiġu appoġġati l-istabbiltà reġjonali u t-tranżizzjonijiet demokratiċi li l-popolazzjoni ġustament taspira għalihom, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-kriżijiet attwali u interkonnessi.

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika](#), 14 ta' Novembru 2011, aġġornati aktar tard bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar [il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika 2015-2020](#), 26 ta' Ottubru 2015

² [Afrika - Konklużjonijiet tal-Kunsill](#), 30 ta' Ġunju 2020

³ Djibouti, Eritrea, Etjopja, Kenja, Uganda, Somalja, Sudan t'Isfel, Sudan

4. Il-bidliet demografiċi, l-urbanizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u s-swieq ġodda li qed ifiġġu jipprovdu opportunitajiet importanti. Madankollu r-reġjun huwa affettwat mill-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima u minn diżastri naturali aktar frekwenti. Jeħtieġ li jingħelbu l-isfidi ta' governanza biex jiġu indirizzati l-faqar persistenti, l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, l-aċċess diffiċli għas-servizzi bażiċi u n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg deċenti, li kollha kemm huma ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19. Ir-reġjun jospita l-akbar numru ta' persuni spostati internament (IDPs) u refuġjati fl-Afrika. Għadhom jippersistu l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbuż tagħhom u l-ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL), filwaqt li l-isfidi umanitarji qed jikbru b'mod esponenzjali. Jibqa' wkoll reġjun tal-orijini, tranżitu u destinazzjoni ta' flussi migratorji importanti, inkluż il-migrazzjoni irregolari, lejn pajjiżi oħra fir-reġjun usa' kif ukoll lejn l-UE.
5. Lil hinn mir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali b'saħħithom li għandha, għal żmien twil l-UE kienet u għadha sieħeb ewlieni u affidabbli għall-paċi, l-iżvilupp sostenibbli u l-assistenza umanitarja. L-UE biġsiebha ssaħħa l-pożizzjoni tagħha, billi timmobilizza l-firxa sħiħa tal-politiki u l-għodod tagħha b'appoġġ għall-prijoritajiet strateġiċi tagħha fil-Qarn tal-Afrika.

Prinċipji gwida

6. Is-sjieda u l-impenn mill-awtoritajiet reġjonali, nazzjonali u lokali huma meħtieġa għall-iżvilupp konkret, sostenibbli u fit-tul tar-reġjun. Sabiex iżżid l-impatt tal-involvement tagħha, speċjalment fl-oqsma tal-paċi, is-sigurtà u l-governanza, l-UE ser tapplika approċċ ibbażat fuq **is-sħubija u r-responsabbiltà reċiproka**. Fehim komuni tar-responsabbiltà ta' kull sieħeb, kif ukoll prijoritajiet konġunti u objettivi konkreti u miżurabbli, ser jiġu definiti b'mod ċar permezz ta' djalogu politiku sinċier, miftuħ u msaħħa.

7. L-istrateġija tal-UE fil-Qarn tal-Afrika hija bbażata fuq il-promozzjoni u r-rispett kontinwi tad-**drittijiet tal-bniedem**, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-prinċipji umanitarji u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali, li ser jibqgħu fil-qalba tal-azzjoni kollha tal-UE. L-UE ser issostni b'mod partikolari l-impenn qawwi tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet kollha. Ser tkompli taħdem biex tipprevjeni l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u tiġġildha. L-UE ser iżżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li d-drittijiet tat-tfal jiġu rrispettati bis-sħiħ. Hija ser iżżid ukoll il-kooperazzjoni tagħha mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-UE ser tkompli tippromwovi l-libertà tal-espressjoni. Hija ser tkompli ssegwi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.
8. L-UE ser tagħti attenzjoni speċjali lill-**inklużività**. Is-soċjetà ċivili, in-nisa u ż-żgħażaġ huma muturi ewlenin tal-bidla u għandhom jiġu inklużi fl-isforzi għall-paċi u l-bini tal-istat. L-UE ser tkompli tippromwovi bil-qawwa l-impenn akbar tagħhom fl-isfera politika, u tappoġġa t-tisħiħ tal-pożizzjoni soċjoekonomika tagħhom. L-UE ser tkompli wkoll tiġġieled id-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-inklużjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u komunitajiet emarġinati fis-soċjetà.
9. L-UE ser tkompli ssaħħaħ l-**approċċ integrat** tagħha għall-konflitti u l-kriżijiet, u ssaħħaħ ir-rabta bejn l-assistenza umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-paċi tul "rabta tripla". L-UE hija impenjata wkoll li żżid il-koerenza, il-konsistenza u l-kontinwità fost il-politiki u l-attivitajiet tagħha. Dan ser jinkludi azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-involvement tas-settur privat jikkonforma mal-Prinċipji dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem⁴. Ser jinkludi wkoll enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tal-effettività tal-koordinazzjoni reġjonali u fuq l-**integrazzjoni reġjonali** bħala objettiv politiku ġenerali tal-UE.

Approċċ konġunt lejn id-demokrazija u l-paċi u s-sigurtà reġjonali

10. Il-gvernijiet rispettivi tal-pajjiżi tar-reġjun huma responsabbli lejn il-popolazzjonijiet tagħhom u jerfgħu r-responsabbiltà primarja biex jindirizzaw l-aspirazzjonijiet tal-poplu tagħhom. L-UE ser tibqa' impenjata li tappoġġa t-**tranżizzjonijiet demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-bini tal-istat** u li tippromwovi spazju politiku miftuħ.

⁴ [UN Guiding Principles on Business and Human Rights](#) (Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem)

11. Il-governanza demokratika u trasparenti hija meħtieġa biex **jissaħħaħ il-kuntratt soċjali** bejn l-Istat u ċ-ċittadini tiegħu, u bejn iċ-ċentri u l-periferiji. L-UE tinsab lesta li tappoġġa sforzi bħal dawn, inkluż approċċi innovattivi possibbli, bħall-Governanza elettronika.
12. Il-korruzzjoni hija ta' tfixkil serju għall-governanza, it-tkabbir ekonomiku u l-ekwità soċjali. L-UE ser tpoġġi enfasi akbar fuq il-**għlieda kontra l-korruzzjoni** u l-manipulazzjoni tal-istat, kif ukoll il-fluss barra mill-pajjiż ta' fondi miksuba illeċitament, il-għlieda kontra l-impunità, il-promozzjoni tal-irfiġh tar-responsabbiltà, it-trasparenza u l-aderenza mal-istandards finanzjarji internazzjonali.
13. L-UE ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-**paċi u s-sigurtà**. Minkejja żviluppi politiċi pożittivi, għadhom jippersistu l-fraġilità u n-nuqqas ta' sigurtà b'effetti destabbilizzanti fuq ir-reġjun kollu. It-tensjonijiet fil-pajjiżi tar-reġjun u bejniethom huma dejjem aktar inkwetanti u juru l-ħtieġa għal approċċ multilaterali effettiv għas-sigurtà kollettiva, id-djalogu u l-bini tal-fiduċja. L-UE ser tkompli taħdem mal-Unjoni Afrikana (UA) u mal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD). L-UE lesta li taħdem mal-mexxejja tal-IGAD biex tgħinhom jibnu aktar il-kapaċità tal-IGAD u jagħmluha korp multilaterali aktar effettiv li jrawwem il-fiduċja fost il-pajjiżi tar-reġjun.
14. Filwaqt li r-reġjun għandu jerfa' r-responsabbiltà għall-paċi u s-sigurtà tiegħu stess, l-UE, flimkien mas-sħab internazzjonali, ser tkompli tappoġġa, inkluż permezz tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tagħha, il-bini tal-**kapaċità ta' sigurtà reġjonali**, bħall-operazzjonijiet Afrikani b'appoġġ għall-paċi u arranġamenti oħra ta' sigurtà li jirrispondu għat-theddid kollu għas-sigurtà, inkluż fuq il-baħar.
15. L-UE ser tkompli tappoġġa s-**sigurtà marittima**, bl-użu tad-diplomazija navali bħala għodda biex tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u s-sinerġiji fost l-atturi reġjonali. F'dan ir-rigward, il-mandat tal-EUNAVFOR - Somalia Operazzjoni ATALANTA, attur marittimu ewlieni fir-reġjun, ġie rivedut u estiż aktar biex jappoġġa l-impenn tal-UE fin-Nofsinhar tal-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan tal-Punent. Filwaqt li l-kompitu ewlieni tagħha jibqa' li tiskoraġġixxi, tipprevjeni u trażżan il-piraterija, l-Operazzjoni ser tikkontribwixxi wkoll għall-għlieda kontra reati marittimi u attivitajiet illegali oħra.
16. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll il-**għlieda kontra gruppi terroristiċi**, li joperaw fir-reġjun u minnu, bħal Al-Shabaab u Daesh, u atturi mhux statali vjolenti oħra. Dan ser jinkludi miżuri kontra l-estremiżmu vjolenti u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.

17. Il-pajjiżi fir-reġjun huma involuti f'konflitti internazzjonalizzati u l-fruntieri fuq l-art u fuq il-baħar huma kkontestati u jibqgħu sorsi ta' fraġilità. Il-konflitti interkomunali wkoll għadhom kawża ta' instabbiltà. L-UE ser tappoġġa u tippromwovi mekkaniżmi – speċjalment dawk bi sjieda Afrikana – għal aktar **prevenzjoni, tnaqqis tat-tensjoni u soluzzjoni paċifika tat-tilwim u għar-rikonċiljazzjoni** effettivi billi tinkoraġġixxi d-djalogu u l-medjazzjoni kif ukoll iżżid il-kapaċità għall-analiżi, il-monitoraġġ, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u r-risoluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' konflitt emerġenti, inkluż dwar il-fruntieri. F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jittieħed kont tal-preservazzjoni tal-unità u l-prinċipju tal-integrità territorjali tal-pajjiżi tal-Qarn tal-Afrika.
18. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà⁵ biex jiġi żgurat is-sehem sħiħ, indaqs u sinifikattiv tan-nisa fi kwistjonijiet marbuta mal-paċi u s-sigurtà, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE⁶, u l-aġenda għaż-Żgħażagħ, il-Paċi u s-Sigurtà⁷, u dik dwar il-Protezzjoni tal-Popolazzjoni Ċivili⁸, kif ukoll il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' protezzjoni⁹.
19. L-UE ser tkompli tippromwovi l-implimentazzjoni tal-aġenda tat-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC) f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar is-CAAC, u r-risoluzzjoni 1612 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-risoluzzjonijiet relatati dwar is-CAAC.

Il-promozzjoni tal-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli

20. L-UE ser tkompli tiddefendi u **tippromwovi l-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli**, bin-NU fil-qalba tiegħu. Hija ser tkompli tikkoopera mill-qrib mas-sħab Afrikani u internazzjonali sabiex tikkontribwixxi għal approċċ komuni u rispons kollettiv għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp, speċjalment mal-UA, l-IGAD, in-NU, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), kif ukoll atturi bilaterali u reġjonali ewlenin oħra. L-UE ser tfittex ukoll li tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet tal-Qarn tal-Afrika f'fora multilaterali dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

⁵ [Risoluzzjoni 1325 \(2000\) tal-KSNU](#) u riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà

⁶ [Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà \(WPS\) 2019-2024](#)

⁷ [Risoluzzjoni 2250 \(2015\) tal-KSNU](#) u riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar iż-Żgħażagħ, il-Paċi u s-Sigurtà

⁸ [Risoluzzjoni 1265 \(1999\) tal-KSNU](#) u [Risoluzzjoni 1894 \(2009\) tal-KSNU](#) dwar il-Protezzjoni tal-Popolazzjoni Ċivili waqt Konflitti Armati

⁹ [prinċipju tan-NU tar-responsabbiltà ta' protezzjoni](#)

21. Sabiex tindirizza l-**attivitajiet kriminali transfruntieri**, l-UE ser tagħti spinta lill-isforzi reġjonali fil-ġlieda kontra kull forma ta' traffikar u flussi finanzjarji illeċiti. L-UE ser tagħmel sforzi partikolari biex tfixxkel in-networks ta' finanzjament ta' gruppi terroristiċi li joperaw fir-reġjun u minnu. Dawn l-isforzi għandu jkollhom il-mira li jżarmaw ir-rabtiet eżistenti bejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali.
22. L-UE tilqa' s-solidarjetà u l-ġenerożità li r-reġjun ilu joffri billi jospita l-akbar numru ta' refuġjati u IDPs fl-Afrika. L-UE ser tkompli tkun minn ta' quddiem fil-provvista ta' **għajjuna umanitarja** bi prinċipji lill-aktar persuni vulnerabbli milquta minn diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem. L-UE tiegħu l-impenn li tippromwovi żieda globali tal-bażi tar-riżorsi għal azzjoni umanitarja, kemm fl-UE kif ukoll b'mod aktar ġenerali, biex twieġeb għall-ħtiġijiet li qed jikbru. Bl-istess mod, il-promozzjoni tal-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, mad-Dritt Internazzjonali dwar ir-Refuġjati u s-salvagwardja tal-ispazju umanitarju ser jibqgħu prijorità.
23. It-**tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali** diġà juru impatti kbar fir-reġjun, anke bħala multiplikaturi tar-riskju, li jampifikaw il-vulnerabbiltajiet diġà eżistenti, jaggravaw il-konflitti, l-ispostamenti u l-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali skarsi, speċjalment l-art u l-ilma. L-UE ser tikkontribwixxi biex jiġi indirizzat l-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima fuq il-paċi u s-sigurtà. L-UE ser tapprofondixxi wkoll il-kooperazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għal Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali ambizzjużi, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, għall-promozzjoni tan-newtralità klimatika u l-protezzjoni tal-bijodiversità. L-UE ser tenfasizza l-opportunitajiet li din it-tranżizzjoni ġġib f'termini ta' investment, ħolqien tal-impjiegi u żvilupp ekonomiku.
24. Biex titnaqqas il-fraġilità, jinżammu l-kisbiet fil-qasam tal-iżvilupp u jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-instabbiltà u l-konflitt b'mod komprensiv, l-UE ser tkompli tikkoopera fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluż mas-settur privat, biex b'hekk tissaħħaħ ir-**reżiljenza**. L-appoġġ għall-mitigazzjoni tal-klima u l-kapaċitajiet ta' adattament, l-istabbiliment ta' strateġiji għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, it-titjib tal-istat ta' tħejjija għad-diżastri, il-bini ta' kapaċitajiet fl-ekonomija ekoloġika/blu, il-promozzjoni tal-konnettività sostenibbli, it-tisħiħ ta' agrikoltura intelliġenti fil-livell klimatiku u ktajjen tal-valur agrokummerċjali inklużivi u sostenibbli, huma ta' importanza vitali u huma oqsma fejn l-UE tista' toffri għarfien espert uniku.

25. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta u l-Proċess ta' Khartoum, l-UE ser issegwi approċċ għall-**migrazzjoni** "mill-bidu sat-tmien" li jkun imfassal apposta, ibbilanċjat, koerenti u komprensiv permezz ta' djalogi u sħubiji ta' benefiċċju reċiproku fil-livell nazzjonali u reġjonali. L-UE ser tappoġġa l-kapaċitajiet reġjonali u nazzjonali għal governanza effettiva tal-migrazzjoni u għall-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin, l-ispostament furzat u l-kawżi ewlenin tagħhom, kif ukoll għat-tgawdija tal-benefiċċji tal-migrazzjoni għall-iżvilupp fil-kontinent Afrikan u r-reġjun. Il-ħidma konġunta mas-sħab fir-reġjun dwar ir-riammissjoni, ir-ritorn, ir-riintegrazzjoni u l-migrazzjoni legali, skont il-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri, ser tibqa' importanti. L-UE ser tibqa' impenjata għall-protezzjoni internazzjonali, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, u għall-appoġġ tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu. Il-kooperazzjoni ma' reġjuni oħra ta' destinazzjoni, inkluż il-pajjiżi tal-Golf, ser tiġi mħeġġa.

Impenn imsaħħaħ għall-iżvilupp soċjali u uman

26. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet kif it-tifqigħat lokali ta' mard jistgħu jinbidlu f'theddida globali għas-saħħa tal-bniedem u l-istabbiltà ekonomika. L-UE hija impenjata li ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, issaħħaħ l-istat ta' tħejjija u l-kapaċità ta' rispons tas-sħab, u tappoġġa r-riformi strutturali tas-**settur tas-saħħa**. F'konformità mal-approċċ ta' Tim Ewropa, l-UE u l-Istati Membri tagħha qdew rwol ewlieni fl-istabbiliment tal-Faċilità COVAX, li għaliha huma wkoll kontributori ewlenin. L-UE ser tkompli taħdem biex tiżgura aċċess globali f'waqtu, ġust u ekwu għal vaċċini sikuri, affordabbli u effettivi għal kulħadd u tappoġġa t-tnedija ta' kampanji ta' tilqim, filwaqt li tesplora possibbiltajiet biex tingħata spinta lill-kapaċità ta' manifattura lokali.
27. **L-iżvilupp soċjali u uman** huwa essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv. L-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali ser jibqa' prijorità fil-Qarn tal-Afrika, biex iż-żgħażaġh jingħataw il-ħiliet meħtieġa għall-emanċipazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Żgħażaġħ edukati u tas-sengħa ser jaġixxu bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi tal-gvernijiet biex iżidu l-aċċess ekwu għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità.

28. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi għar-rieżami tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur **is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati** (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet marbutin mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

Spinta lill-irkupru soċjoekonomiku, il-kummerċ u l-integrazzjoni reġjonali

29. Il-COVID-19 affettwat b'mod kritiku l-istrutturi soċjoekonomiċi diġà dgħajfa. Għaldaqstant l-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċifika lill-**irkupru ekonomiku u soċjali** f'konformità mas-sejħa biex Nibnu Mill-Ġdid Aħjar u b'Mod Aktar Ekoloġiku lejn il-kisba tal-Aġenda 2030. L-UE ser tkompli tappoġġa l-użu u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-teknoloġiji ekoloġiċi, l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur lokali, l-aċċess universali għal enerġija sikura, sigura, sostenibbli u bi prezz li jintlaħaq.
30. Ir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika jirrappreżenta suq vast u dinamiku b'potenzjal kbir. L-UE ser tkompli tappoġġa l-**intraprenditorija**, l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, in-networks ta' mikrokreditu u tan-negozju, id-diġitalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Huma kruċjali wkoll kundizzjonijiet ekwivalenti aktar miftuħa u kompetittivi għall-intrapriżi kollha biex tingħata spinta lill-investimenti u jinħolqu impjiegi deċenti. L-UE ser tippromwovi wkoll il-protezzjoni soċjali u r-responsabbiltà soċjali ta' kumpanniji privati kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja tax-xogħol.

31. L-UE ser tkompli **tippromwovi l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni ekonomiċi reġjonali**, fost oħrajn billi żżid l-isforzi internazzjonali għas-serħan mid-dejn b'mod koordinat fi ħdan l-oqfsa multilaterali rilevanti, tappoġġa l-pajjiżi fir-reġjun li jixtiequ jissieħbu mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA). L-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC) u l-IGAD biex tippromwovi l-kooperazzjoni ekonomika. Din ser tiġġenera aktar opportunitajiet għall-investment barrani u l-iżvilupp tas-settur privat, inkluż mill-UE, u permezz tad-dijaspora tar-reġjun. B'rabta ma' dan, l-UE ser tfittex modi biex issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha fil-kummerċ u l-investment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) u l-possibbiltà li l-membri tal-EAC jimplimentaw il-FSE abbażi tal-prinċipju ta' ġeometrija varjabbli.
32. L-UE tagħti valur kbir lir-**rabtiet bejn il-persuni**. Ser tkompli tiżviluppa programmi ta' skambju, bħal sħubijiet edukattivi u xjentifiċi u boroż ta' studju, u ser tippermetti lid-dijaspori fil-pajjiżi tal-UE jikkontribwixxu għall-iżvilupp tar-reġjun. Barra minn hekk, l-UE ser issaħħaħ il-kooperazzjoni kulturali, b'mod partikolari r-rwol tal-kultura u l-wirt kulturali bħala faċilitatur għall-paċi u l-iżvilupp.

It-tisħiħ tal-koerenza u l-effiċjenza reġjonali fil-kuntesti tal-pajjiżi

33. F'konformità mal-prinċipji ta' gwida u l-prijoritajiet ta' din l-istrateġija, li ser jiġu adattati għal kull kuntest nazzjonali u lokali speċifiku, l-UE ser issaħħaħ is-sħubija tagħha mal-pajjiżi rispettivi fir-reġjun, filwaqt li tqis id-diversità u l-evoluzzjoni tagħhom fuq perijodu ta' żmien medju u fit-tul.
34. Fir-rigward tal-**Kenja**, l-UE ser tagħti prijorità lil relazzjoni aktar strateġika, b'mod partikolari dwar il-paċi u s-sigurtà, id-demokrazija, il-kummerċ u l-investment, it-tibdil fil-klima, il-governanza u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Kenja għandha potenzjal qawwi li ssaħħaħ l-istabbiltà reġjonali u li jkollha rwol kostruttiv fil-paċi u s-sigurtà. L-UE ser tappoġġa l-impenn diplomatiku u multilaterali akbar tal-Kenja f'fora globali u reġjonali. Sħubija b'saħħitha mal-pajjiżi ġirien hija kruċjali għall-istabbiltà tar-reġjun.

35. L-UE ser tkompli tappoġġa t-tranżizzjonijiet fl-Etjopja u s-Sudan, li s-suċċessi tagħhom huma kruċjali għall-istabbiltà reġjonali. L-**Etjopja** hija sieħeb strateġiku għall-UE u attur reġjonali u multilaterali importanti. L-UE ser tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi demokratiċi u ekonomiċi, kif ukoll l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni li ser ikunu msejsa fuq dialogu inklużiv u trasparenti. Il-konflitt f'Tigray u l-vjolenza etnika li qed tiżdied fil-pajjiż iqajmu tħassib serju, u għandhom konsegwenzi negattivi fuq ir-reġjun¹⁰. It-tranżizzjoni tas-**Sudan**, appoġġata mill-UE mill-bidu nett, hija eżempju pożittiv għall-Qarn u għall-Afrika. L-UE ser tinkoraġġixxi u tassisti lill-Gvern Tranżizzjonali mmexxi minn persuni ċivili biex iwettaq riformi politiċi u ekonomiċi, jimplimenta l-Ftehim ta' Paċi ta' Juba - u ftehimiet sussegwenti - kif ukoll biex jaqdi rwol kostruttiv fl-appoġġ għall-istabbiltà reġjonali. It-tiżhijiet tal-ġustizzja u r-responsabbiltà tranżizzjonali u l-kisba tas-serħan mid-dejn ser ikunu partikolarment rilevanti hekk kif tkompli t-tranżizzjoni.
36. L-UE ser tkompli tappoġġa l-proċessi kritiċi għall-bini tal-paċi u l-bini tal-istat. Filwaqt li tibni fuq l-approċċ komprensiv u l-investiment importanti tagħha fil-bini tal-paċi u tal-Istat tas-Somalja, inkluż fis-sigurtà permezz tal-AMISOM u l-missjonijiet tal-PSDK tagħha, l-UE tibqa' impenjata li tkompli tappoġġa l-aġenda ta' riforma u rikonċiljazzjoni tas-**Somalja**, filwaqt li l-mexxejja federali u reġjonali jeħtieġ li jżidu l-isforzi b'mod konsiderevoli b'mod kunsenswali u inklużiv. Filwaqt li tipprova tikseb il-qsim tal-piżijiet finanzjarji, bil-perspettiva tal-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-preżenza tas-sigurtà internazzjonali fil-pajjiż u t-teħid shijiet mis-Somalja tar-responsabbiltà f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2568 tal-KSNU¹¹, l-UE ser tkompli tappoġġa lin-NU u lill-UA fl-isforzi ta' stabbilizzazzjoni tagħhom. L-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni rapida u shijiet tal-ftehim ta' paċi fis-**Sudan t'Isfel** u tappella għal impenn aktar qawwi tal-IGAD u l-UA f'dan il-kuntest. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u dik kontra l-flussi finanzjarji illeċiti ser jibqgħu prijoritajiet importanti hemmhekk.

¹⁰ [Etjopja - Konklużjonijiet tal-Kunsill](#), 11 ta' Marzu 2021

¹¹ [Riżoluzzjoni 2568 \(2021\) tal-KSNU](#)

37. L-UE tappoġġa l-kontribut pożittiv tal-**Djibouti** għall-paċi, is-sigurtà u l-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika inkluż madwar il-Baħar l-Aħmar, pereżempju billi jospita ċ-ċentru loġistiku tal-Operazzjoni ATALANTA u l-preżenza militari tal-Istati Membri tal-UE. L-UE ser tkompli taħdem mal-Djibouti fuq il-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u l-ftuħ tal-ispazju demokratiku. Bl-istess mod, l-UE tilqa' l-kontribut importanti tal-**Uganda** għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun tal-Qarn u dak tal-Lagi l-Kbar. L-UE ser tkompli tippromwovi l-iżvilupp inklużiv u l-governanza demokratika, b'mod partikolari biex tindirizza t-tnaqqis tal-ispazju demokratiku u tas-soċjetà ċivili u ż-żieda fit-tensjonijiet.
38. L-UE ser tibqa' impenjata mal-**Eritrea** filwaqt li tinsisti fuq aġenda kostruttiva fil-livell reġjonali u nazzjonali, inkluż ir-rispett għall-istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tax-xogħol u d-dritt umanitarju internazzjonali, kemm fl-Eritrea kif ukoll esternament.

Approċċ reġjonali usa' li jħaddan fih l-ordni reġjonali li qed jinbidel

39. B'mod aktar ġenerali, **ir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar** jibqa' kruċjali għall-UE minħabba l-importanza tiegħu għall-istabbiltà tal-Qarn tal-Afrika kif ukoll bħala arterja ta' kummerċ u konnettività. L-istabbiltà u l-libertà tan-navigazzjoni jridu jiġu ppreservati u huma ta' interess komuni mar-reġjun. L-UE ser tappoġġa l-kooperazzjoni, id-djalogu u s-soluzzjoni paċifika ta' tilwim madwar il-Baħar l-Aħmar u toffri relazzjonijiet privileġġati ma' inizjattivi li jappartjenu għar-reġjun bħall-Kunsill tal-Istati Għarab u Afrikani dwar il-Baħar l-Aħmar u l-Golf ta' Aden, u t-Task Force tal-Baħar l-Aħmar tal-IGAD, filwaqt li tippromwovi formati aktar inklużivi. L-UE ser tesplora sinerġiji – fuq l-art, l-ajru u fil-baħar – fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-ambjent, it-trasport u l-loġistika, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, il-migrazzjoni, u approċċ integrat għar-reġjun tal-Baħar l-Aħmar/il-Qarn tal-Afrika.

40. **In-Nil** huwa ta' importanza mill-akbar għar-reġjun. Soluzzjoni negozjata għat-tilwima dwar id-Diga l-Kbira għar-Rinaxximent tal-Etjopja tikkontribwixxi immens għall-istabbiltà tar-reġjun u għall-iżvilupp sostenibbli fit-tliet pajjiżi kkonċernati, jiġifieri l-Etjopja, is-Sudan u l-Eġittu, u b'hekk twitti t-triq għall-integrazzjoni reġjonali u l-investimenti barranin. L-UE ser tkompli tappoġġa l-impenn Afrikan u d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet sabiex tinbena l-fiduċja u jintlaħaq qbil dwar l-użu paċifiku, sostenibbli u effettiv tar-riżorsi tan-Nil. L-UE ser iżżid l-involvement tagħha fid-diplomazija fil-qasam tal-ilma fil-Baċir kollu tan-Nil billi tippromwovi l-kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tal-ilma u l-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma.
41. Bl-espansjoni tal-involvement attwali tal-UE fil-Baħar l-Aħmar, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE għall-Indo-Paċifiku¹² u fid-dawl tal-iżviluppi tul il-kosta Afrikana tal-Lvant, b'mod partikolari t-Tramuntana tal-Mozambique, l-UE ser tkompli ssaħħa l-approċċ integrat tagħha għall-ilmijiet tal-madwar tal-**Punent tal-Oċean Indjan**. L-UE ser taħdem biex tindirizza sfidi komuni u tibni sinerġiji biex tgħin fit-titjib tal-kooperazzjoni politika, marbuta mal-klima, fis-sigurtà u dik ekonomika bejn l-istati littorali u atturi ekstrareġjonali, filwaqt li tibni wkoll fuq l-Operazzjoni ATALANTA u, kif xieraq, fuq il-preżenza militari tal-Istati Membri tal-UE fir-reġjun.
42. L-UE ser tkompli l-azzjoni tagħha fuq **il-governanza tal-oċeani** u ser issaħħa, inkluż billi tippromwovi ekonomija blu sostenibbli, tiġġieled kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, issaħħa il-kooperazzjoni skont il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u tikkontribwixxi għall-kummerċ marittimu.

¹² [Strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku - Konklużjonijiet tal-Kunsill](#), 16 ta' April 2021

Mobilizzazzjoni komprensiva ta' politiki u għodod f'konformità mal-approċċ integrat

43. L-UE tafterma mill-ġdid li tinsab lesta li timmobilizza l-firxa kollha ta' għodod u politiki tagħha fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. Djalogu politiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi tal-Qarn, min-naħa l-oħra, inkluż fl-ogħla livell, ser jippermettilna nimxu b'mod konġunt u niżnu l-oġġettivi stabbiliti. Bħala parti mill-appoġġ tagħha għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza u d-drittijiet tal-bniedem, l-UE tinsab lesta li timmobilizza missjonijiet elettorali biex jakkumpanjaw il-proċessi elettorali nazzjonali. Fejn xieraq, l-UE tirriżerva d-dritt li tirrevedi l-appoġġ tagħha u li timmobilizza fi kwalunkwe ħin ir-reġimi tagħha ta' miżuri restrittivi, partikolarment dak marbut ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
44. **Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE)**, b'mandat reġjonali b'saħħtu u b'konċentrazzjoni fuq attivitajiet reġjonali, ser ikun strumentali biex isaħħaħ il-viżibbiltà, il-preżenza u l-impenn tal-UE mal-pajjiżi kollha fir-reġjun u l-atturi rilevanti fil-Qarn tal-Afrika u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar kif xieraq. Ir-RSUE ser jikkontribwixxi għal impenn politiku tal-UE msaħħaħ u aktar effettiv biex isir avvanz f'din l-istrateġija, inkluż permezz ta' aktar koordinazzjoni.
45. L-UE ser tibqa' sieħeb ewlieni tar-reġjun għall-iżvilupp. Fi spirtu ta' Tim Ewropa, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (**NDICI**) li jmiss - Ewropa Globali ser jippermetti appoġġ qawwi għall-oġġettivi ġenerali tal-iżvilupp u l-istabbiltà fit-tul imsemmijin f'din l-Istrateġija. Ser jippermetti wkoll il-kontinwazzjoni, fiċ-ċirkostanzi koperti mill-Istrument, tal-assistenza Ewropea għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp.
46. Barra minn hekk, il-mobilizzazzjoni tal-**istrumenti finanzjarji innovattivi** l-ġodda tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus, ukoll ser tkun partikolarment rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun – b'mod partikolari biex tingħata spinta lill-investment, is-settur privat, l-integrazzjoni reġjonali u t-tkabbir ekonomiku.

47. Il-ħolqien tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi** ser jippermetti azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet marbutin ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża, inkluż b'appoġġ għall-mandati tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-istituzzjonijiet statali, kif ukoll jappoġġa l-aspetti militari tal-operazzjonijiet Afrikani ta' paċi u sigurtà.
48. B'appoġġ għall-paċi u s-sigurtà, **il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK** (EUTM Somalia, EUCAP Somalia u l-Operazzjoni ATALANTA) ser ikompli jsaħħu l-koordinazzjoni mas-sħab rilevanti fir-reġjun kif xieraq. Huma ser jibqgħu pilastru essenzjali tal-approċċ integrat tal-UE kif ukoll ir-rispons għal kriżijiet emerġenti u li għaddejjin, flimkien ma' strumenti oħrajn tal-UE. Fil-bini u l-appoġġ tal-kapaċità tas-sigurtà, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali ser jingħataw attenzjoni speċjali.

Implimentazzjoni u t-triq 'il quddiem

49. Fl-**implimentazzjoni ta' din l-istrateġija l-ġdida** l-UE għandha l-għan li taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi tar-reġjun, individwalment u kollettivament, kif ukoll ma' sħab multilaterali u reġjonali fil-livell politiku (l-IGAD, l-UA, in-NU), il-livell finanzjarju (il-Bank Dinji, il-FMI, il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp u l-Klabb ta' Pariġi) u dak tematiku (eż. id-WHO, id-WTO, il-UNEP, il-UNODC, il-UNHCR, l-OMI). L-UE ser tfittex ukoll djalogu u kollaborazzjoni ma' pajjiżi rilevanti u sħab internazzjonali oħra sabiex trawwem approċċi komuni, filwaqt li tibni fuq valuri u prijoritajiet kondiviżi. Ser timpenja ruħha mill-qrib mas-settur privat u l-membri tad-dijaspori, u ser tippromwovi u ssaħħaħ is-soċjetà ċivili inkluż fil-livell lokali.
50. Filwaqt li tagħraf is-sitwazzjonijiet differenti fir-reġjun u l-pass mgħaġġel tal-iżviluppi soċjopolitiċi, l-UE ser tiżgura li l-azzjonijiet u l-politiki tagħha jiġu riveduti kontinwament skont l-aħħar żviluppi u t-tagħlimiet meħuda. Il-Kunsill jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp jiġu aġġustati konsegwentement. Analiżijiet ibbażati fuq l-evidenza ser ikunu għodda importanti f'dan ir-rigward. L-UE ser tkompli tikkollabora mill-qrib mal-atturi lokali umanitarji u tal-iżvilupp biex iżżid il-koerenza u s-sostenibbiltà.

51. Biex tiżgura segwitu politiku regolari u f'konformità mal-approċċ ta' responsabbiltà reċiproka, l-UE ser tidentifika **objettivi ta' prijetà speċifiċi**, fil-livell tal-pajjiż u dak reġjonali, f'konsultazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati, u kkoordinati u maqsuma mas-sħab rilevanti. Il-Kunsill biħsiebu jserraħ fuq id-delegazzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi akkreditati tal-Istati Membri tagħha għall-monitoraġġ tal-progress ta' dawn l-obiettivi u għall-identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti li jgħinu biex dawn jintlaħqu. Il-Kunsill ser iqis regolarment il-progress miksub u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jipproponu modalitajiet konkreti għall-operazzjonalizzazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija.
52. Il-komunikazzjoni pubblika dwar il-politiki, l-attivitajiet u l-programmi tal-UE hija kruċjali biex jiġi żgurat għarfien ġenerali tal-impenji reċiproċi u l-impatt tagħhom.
53. Bħala konklużjoni, l-UE ttenni l-intenzjoni tagħha li ssaħħa u tapprofondixxi r-relazzjoni u s-sħubija strateġiċi mal-Qarn tal-Afrika u l-pajjiżi tiegħu. L-UE ser tkompli turi permezz ta' azzjoni kollettiva li hija sieħeb sod tar-reġjun.
-